SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 14/K7/13**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 23/04/'13 297**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 23/04/'13 352**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 23 t' April 2013

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Assenti: (0)

1.05 Skużati: (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-17 t' April 2013. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Offerti – Manutenzjoni ta' Sinjali tat-Traffiku u Marki tat-Toroq
4. Kwotazzjoni :- Ġnien Saver Zarb
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 13/K7/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 13/K7/13.

1.3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Peress li l-laqgħa ta' Kumitat Amministrattiv Paceville ser issir nhar it-Tnejn 29 ta' Aprill 2013 ma kienx hemm minuti biex jiġu approvati mill-Kunsill.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru.** **Korrispondenza**

1534 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-Allokazzjoni Finanzjarja t'April 2013.

1557 Email mingħand l-Għaqda Maltija tal-Ortikultura rigward wirja annwali li ser issir nhar is-Sibt 4 u l-Ħadd 5 ta' Mejju 2013.

1621&2003 Emails mingħand Franks Stores Limited rigward riklami fuq iż-*zebra crossings*.

1716 Email mingħand il-Perit Stephen Farrugia – *Malta Planning & Design Consultants* rigward il-laqgħa li kellha ssir għar-residenti dwar it-tieni fażi tal-Cavallieri Hotel.

1881 Ittra mingħand il-Kunsillier Richard Scicluna rigward in-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħa tal-Kunsill li saret it-Tlieta 26 ta' Marzu 2013.

1574 Korrispondenza rigward id-Dar ta' l-Anzjani u l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

1983 Talbiet mingħand il-Kunsilliera Irene Borg rigward xogħolijiet fl-area ta' Ta' Ġiorni.

1851, 1714 Korrispondenza rigward applikazzjoni tal- MEPA bin-numru
1719, K459, 126/09 għal ħdejn in-Neptunes, il-Bajja tal-Balluta.
1797, 1919
& 1959

1948 Email mingħand l-Avukat Dr. Stefano Filletti rigward l-każ tal-Pulizija vs Carmen Mallia.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif Nru: 1534**

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-Allokazzjoni Finanzjarja t'April 2013. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Allokazzjoni Finanzjarja li ngħatat tkopri sa April 2013.

**Rif Nru. 1557**

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand l-Għaqda Maltija tal-Ortikultura rigward wirja annwali li ser issir nhar is-Sibt 4 u l-Ħadd 5 ta' Mejju 2013. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser jipparteċipa għal sena oħra konsekuttiva.

**Rif Nru. 1621 & 2003**

2.04 Saret riferenza għall-emails mingħand Franks Stores Limited rigward riklami fuq *iż-zebra crossings.* Ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat li t-talba tiegħu ma gietx aċċetata minħabba s-*safety* tal-pubbliku u li hemm mezzi oħra fejn jistgħu ssiru reklami fil-lokalita'.

**Rif Nru. 1716**

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand il-Perit Stephen Farrugia – *Malta Planning & Design Consultants* rigward il-laqgħa li kellha ssir għar-residenti, dwar it-tieni fażi ta' l-aċċessibilita' aħjar għal kulħadd fl-inħawi tal-Cavallieri Hotel, fejn ma attenda ħadd għaliha. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li terġa' tisejjaħ laqgħa oħra nformali mar-residenti u mal-Perit Stephen Farrugia fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 30 t'April fil-5.00p.m.

F'każ li l-Perit ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din id-data, jiġi avżat il-Kunsillier Alex Grech sabiex jinforma lir-residenti.

**Rif Nru. 1881**

2.06 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Richard Scicluna rigward in-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħa tal-Kunsill li saret it-Tlieta 26 ta' Marzu 2013. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Richard Scicluna jitniżżel skużat u mhux assenti għal-laqgħa ta' Marzu 2013.

**Rif Nru. 1574**

2.07 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward id-Dar ta' l-Anzjani u l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ġie nfurmat li ntbagħtet ittra lill-Perit (Rif. K0512/Proj.Fl-OldPpl/13-MM) fejn il-Kunsill qed jistenna li jagħtina l-gwida tiegħu bil-miktub.

2.08 Il-Kunsillier Anthony Grech u l-Viċi Sindku Charles Camenzuli waslu fis-2.30p.m.

**Rif Nru. 1983**

2.09 Saret riferenza għat-talbiet mingħand il-Kunsilliera Irene Borg rigward xogħolijiet fl-area ta' Ta' Ġiorni. Peress li nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li għadu ma ġiex infurmat meta ser tingħata l-allokazzjoni finanzjarja, ġie deċiż

unanimament li temporanjament ma jinħarġux aktar *works orders* għall-manutenzjoni tat-toroq. Dan minħabba li nqabeż il-vot tal-budget.

**Rif Nru. 1851, 1714, 1719, K459, 1797, 1919 & 1959**

2.10 Saret riferenza għall-korrispondenza b'konnessjoni ma' l-applikazzjoni tal-MEPA bin-numru 126/09 għal ħdejn in-Neptunes, il-Bajja tal-Balluta.

Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li l-Kunsilli l-imgħoddija dejjem kienu kontra, u oġġezzjonaw, li tittieħed aktar art pubblika (beaches) fejn jghumu n-nies għall-iżvilupp tan-Neptunes Waterpolo & Swimming Club. Huwa sostna li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li l-ebda xtajta m'għandha tittieħed għall-privat.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li, tintbagħat ittra lill-MEPA u lid-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn jiġu nfurmati li:-

a) Il-Kunsill jinnota illi l-aċċess ghall-pubbliku fejn hemm in-Neptunes Waterpolo & Swimming Club u San Ġiljan Water Polo Club huwa magħluq u ma jistax jintuża. Għalhekk għandu jiġi kkjarifikat x'inhu d-dritt tal-pubbliku għal aċċess tal-passaġġ ta' bejn iż-żewġ Pitches. Dan għaliex fil-preżent jidher li l-pubbliku m'għandux aċċess f' din iż-żona.

b) Jiġi kkjarifikat ukoll jekk il-*gate* li hemm fi Triq Spinola quddiem il-Lukanda Cavallieri għandhiex tkun miftuħa għal aċċess tal-pubbliku, peress li fil-preżent din il-*gate* ingħalqet u b'hekk ingħalaq l-aċċess għall-pubbliku.

Dwar il-korrispondenza (Inc. 1851/13) ġie deċiż unanimament li l-President tan-Neptunes jiġi nfurmat li l-meeting miegħu jsir wara li l-Kunsill ikollu risposta mingħand il-MEPA u d-Dipartiment ta' l-Artijiet.

2.11 **Rif Nru. 1948**

B'riferenza għall-email mingħand l-Avukat Dr. Stefano Filletti rigward il-każ tal-Pulizija vs Carmen Mallia. Ġie deċiż unanimament li tintbagħat risposta lill-Pulizija fuq il-parir ta' l-avukat.

**3. Offerti – Manutenzjoni ta' Sinjali tat-Traffiku u Marki tat-Toroq**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bis-*schedule* ta' l-offerti u bl-evalwazzjoni tal-Perit (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Anthony Grech ppropona li tintgħażel l-offerta tal-Fix All.

3.03 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Kwotazzjoni:- Ġnien Saver Zarb**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bis-*schedule* tal-kwotazzjoni rigward Ġnien Saver Zarb u bl-evalwazzjoni tal-Perit (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni ta' JGC Ltd.

4.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 Il-Kuntrattur għandu jiġi nfurmat li l-Kunsill jixtieq li sa l-aħħar ta' Ġunju jsiru x-xogħolijiet kollha sabiex ikun jista jinfetaħ il-ġnien.

**5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

5.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3376 sa 3393 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Ġie deċiż unanimament li l-Purchase Request Sheets numru: 3378, 3381 u 3382 b'konessjoni mal-manutenzjoni tat-toroq jinżammu temporanjament *'on hold'* sakemm il-Kunsill jingħata l-allokazzjoni finanzjarja.

6.03 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3376 sa 3393.

6.04 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

6.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.06 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**7. Materji Oħra**

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

a) Inħarġet is-sejħa għall-offerti għat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi, Tindif tat-Toroq u Ġbir ta' Skart Goff. Dawn l-offerti jagħlqu nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2013 fl-10.00a.m.

b) Is-Sindku kellu laqgħa fuq il-post mal-Perit Lucienne Stafrace nhar is-Sibt 7 t'April 2013 fid-9.00a.m. rigward il- *one way* fi Triq Claire E. Engel.

c) B'riferenza għall-Minuti 13/K7/13 Taqsima 4 Paragrafu 4.02 ser issir laqgħa mas-Sur Joe Bonello, Chief of Staff, mill-Ministeru tat-Turiżmu, nhar il-Ħamis 25 t'April 2013 fil-11.30a.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Fost l-affarijiet li ser jiġu diskussi ser titqajjem il-materja dwar il-*Public Private Partnership*, il-ġbir ta' skart nhar ta' Tlieta u Ġimgħa u materji oħra.

d) Is-Sindku ser iressaq proposta quddiem ir-Reġjun Ċentrali sabiex l-ispejjeż tal-manutenzjoni fuq is-sinjali tat-traffiku marki tat-toroq kif ukoll is-servizz tal-Cash in

transit (Security Services) jibdew jitħallsu mir-Reġjun peress li il-flus taċ-ċitazzjonijiet qed imorru għand ir-Reġjun.

7.02 Rigward il-bankina ta' quddiem nru. 19 fi Triq Lapsi (Ara r-ritratt mehmuż) biex tiġi rranġata, il-Kunsill ġie nfurmat li l-bankina qeda faċċata tad-dar numru 19 u mhux quddiemu.

7.03 Ġie deċiż li:

a) Il-bibien tal-kmamar tal-Ġnien tal-Kumpless ta' Dun Anton Scibberas jingħalqu bil-ġebel u jikompla x-xogħol mill-IPSL. Meta l-Kunsill ikollu l-finanzjament jiġu rranġati l-bandli.

b) Tinbagħat ittra lit-Transport Malta rigward il-korrispondenza fuq il-parkeġġ ta' Triq Sant' Elija, fejn il-Kunsill qed jiġbed l-attenzjoni li għalkemm ser isir dak li ġie ordnat min-naħa tagħhom, joġġezjona għad-deċiżjoni li ttieħdet. Dan peress li għalkemm ser jitneħħew il-parkeġġi, xorta wahda f'każ ta' *fire engine* ma tgħaddiex mit-triq peress li t-triq mhiex wiesa biżżejjed filwaqt li ambulanza tgħaddi wkoll bil-karozzi pparkjati.

c) Tinħareġ *default notice* lill-kuntrattur tal-Public Private Partnership skont it-*tender document* u jittieħed parir legali.

d) Tinbagħat ittra lis-Surmast Manuel Pirotta tal-Banda San Ġiljan bhala rringrazzjament tax-xogħol li għamel kemm kien ilu surmast tal-banda.

7.04 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju 2013 fis-2.00p.m. jew qabel din id-data minħabba r-risposta tal-*management letter.*

**Peter Bonello** **Helen Walker**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttv**